Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

Data tal-laqgħa: 24 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

24.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 23. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

24.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 24.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

24.3.1 Para 23.4.2.1 - Lanterni ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja
Is-SE infurmat li l-kappillan ikkonferma li l-ħġieġ tal-lanterni ser jiġi rranġat. Id-dawl jixgħel waħda biss mad-dawl tat-triq u l-kumplament qiegħed *connected* mal-knisja u jinxtegħel fil-festi.

24.3.2 Para 24.14.12 - *Malta Waste Reductions Awards*
Is-SE infurmat li l-Kunsill ġie fit-tieni post fost il-lokalitajiet kollha u bħala premju ingħata €3,000 biex jiġu ffinanzjati proġetti ambjentali. Dawn il-fondi jridu jiġu utilizzati sal-aħħar ta' Diċembru 2021.

24.3.3.1 Para 23.4.4- Għassa tal-pulizija
Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef staqsa jekk irċivejniex xi risposta għall-ittra ta' tfakkira li Bagħtna lill-Kummissarju tal-Pulizija. Is-SE wieġbet fin-negattiv.

24.3.3.2 Is-Sindku qal fil-laqgħa ta' kull xahar li ssir mal-pulizija (li saret il-ġimgħa l-oħra), is-Supretendent tad-distrett ġie nfurmat dwar dan. Is-Supretendent qal li l-Kummissarju jinsab ir-rassenjat li jħalli l-għasses magħluqin. Qal ukoll li l-għassa ta' Ħal Balzan m'għadhiex tintuża. Is-Sindku talbu li jekk dan hu l-każ, għandha tiġi rilaxxata r-*reserved* li hemm mal-ġenb tal-għassa u forsi l-għassa nnifisha biex tintuża għall-użu soċjali.

24.3.3.3 Is-Supretendent ser ikun qed jagħti risposta dwar dan fil-laqgħa ta' Diċembru, wara li jiddiskuti mas-superjuri tiegħu.

## 24.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.4.1 Tiżjin ta' toroq bi dwal tal-Milied
Is-Sindku staqsa jekk tkellimniex mal-kuntrattur. Is-SE infurmat li ġie kkonfermat lit-tiżjin kważi lest u qed isir fit-toroq kollha li ġew magħżula mill-Kunsill. Ġie kkonfermat ukoll lid-dawl se jinxtegħel minn nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2020.

24.4.2 Inċident tat-traffiku f'Wied Ħal Balzan
Il-Sindku nfurma lis-Sibt 14 ta' Novembru 2020, f'Wied Ħal Balzan, trakk kbir qaċċat siġra għax baqa' dieħel fiha. Is-SE infurmat bagħtet *email* lis-Surġent biex tinfurmana bil-proċedura biex issir talba għall-kumpens għal ħsara.

## 24.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

24.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 24.6 Rapporti

24.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 24.7 Jum Ħal Balzan 2020

24.7.1 Kif kien maqbul fil-laqgħa li għaddiet Jum Ħal Balzan se jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd, 20 ta' Diċembru. Il-quddiesa tal-okkażjoni ser tiġi ċċelebrata fil-11.30am.

## 24.8 Laqgħa tal-Lokalità

24.8.1 Is-SE infurmat li skond Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali, sal-15 ta' Diċembru, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa annwali tal-lokalità sabiex jiġu ppreżentati l-Estimi Finanzjari (*draft*) għas-sena d-dieħla.

24.8.2 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li, minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, il-laqgħa ssir virtwali u tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill. Il-pubbliku Għalkemm il-pubbliku mhux ser ikun fiżikament preżenti, xorta ser ikollu l-opportunità li jipparteċipa u jagħmel l-interventi b'mezzi elettroniċi.

24.8.3 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020 fis-6.00pm u ser jintbagħat invit f'kull residenza minn ħmistax qabel.

## 24.9 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

24.9.1.1 <u>Skema Finanzjarja Numru 7/2020 – *COVID-19 Packs*</u>
Ġiet innutata skema finanzjarja numru 7/2020, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura sa massimu ta' €5,000 għax-xiri ta' *COVID-19 Packs* biex jingħataw lir-residenti.

24.9.1.2 Il-Kunsill kien diġà qabel permezz tal-*email* li japplika għal din l-iskema u għalhekk ġew ordnati 700 pakkett. Residenti ser jkunu jistgħu jiġbru pakkett (*per household*) mill-uffiċċju billi jippreżentaw il-karta tal-identità. Dawn ser ikunu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served.*

24.9.2.1 <u>Skema Finanzjarja Numru 8/2020 – Għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonal Ċentru</u>
Ġiet innutata skema finanzjarja numru 8/2020, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura sa massimu ta' €2,000 fuq spejjeż diversi għall-Għaqdiet fil-lokalità. Il-Kunsill jista' japplika sad-29 ta' Frar 2021.

24.9.2.2 Ser jiġi ċċekkjat jekk l-għaqdiet kollha jistgħux jibbenifikaw jew iridu jkunu VOs reġistrati biss biex ikunu intitolati. Din l-iskema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

24.9.3.1 <u>Skemi Finanzjarji approvati fil-laqgħa tal-KR Ċentru u ser joħorġu fil-ġranet li ġejjin</u>
Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill bi tliet (3) Skemi Finanzjarji li ġew approvati fil-laqgħa tal-KR Ċentru u li ser joħorġu fil-ġranet li ġejjin.

24.9.3.2 Waħda minnhom hija l-finanzjament ta' €5,000 għax-xiri *ta' face masks.*

24.9.3.3 Skema oħra hija ta' *Spinning Photos* fejn il-KR ser ikun qed jirrifondi lura €2,000 sabiex post ieħor (apparti l-knisja parrokkjali li saret ftit tax-xhur ilu) ikun jista' tidher b'mod virtwali permezz ta' apparat elettroniku. Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef ippropona li jekk il-kumpanija li ser toffri s-servizz taċċetta, isiru ż-żewġ kappelli żgħar li hemm fi Triq it-Tliet Knejjes u l-kappella ta' Santa Marija. Jekk le, isiru ż-żewġ kappelli żgħar li hemm fi Triq it-Tliet Knejjes. Il-Kunsill approva.

24.9.3.4 Skema oħra hija l-finanzjament ta' €3,000 biex isir proġett fil-lokalità bil-kundizzjoni li ma tintużax għal spejjeż rikorrenti.

Kien hemm qbil li jiġi diskuss *item* 24.12 qabel *item* 24.10.

## 24.12 Proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla

24.12.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li tqassmu 122 ittra fir-residenzi kollha tal-ħames (5) toroq approvati mill-Kunsill.

24.12.2 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rispons mingħand tliet (3) residenti, kif ukoll petizzjoni ffirmata minn seba' (7) residenti. Is-Sindku qal li mir-rispons li għandu il-maġġoranza huma favur. Ta' min jirrimarka li kien hemm żball fil-pjanti (li diġà ġie rranġat) fejn il-*one-way* fi Triq il-Qarċilla kienet immarkata man-naħa l-ħażina.

24.12.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jgħaddi r-rimarki msemmija fil-petizzjoni lill-Perit, fejn qed jipproponu numru ta' emendi minuri, biex jekk hu possibbli jsiru, tiġi emendata l-pjanta.

## 24.10 Ċirkulari Numru SPI/SCI/06/2020 – Finanzjament għall-kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex

24.10.1 Fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill qabel li napplikaw biex jiġi ffinanzjat (85%) il-proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla. Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-applikazzjoni li tinkludi stima tax-xogħlijiet ippreparata mill-Perit.

24.10.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni.

## 24.11 Tisbiħ tal-*Playing field*

24.11.1 Qabel mal-Kunsill jara r-rispons tar-residenti, il-Viċi Sindku semma l-mod ta' kif ser jiġi diskuss il-proġett, fejn resident partikolari qed jitlob li ssir laqgħa *online* fejn il-Kunsill ikun jista' jispjega l-pjanti tal-proġett u n-nies ikunu jistgħu jagħtu l-*feedback* tagħhom. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa virtwali bl-istess mod li ser issir il-laqgħa tal-lokalità.

24.11.2 Ġie rrimarkat li l-perimetru eżistenti mhux ser jintmess, dan ifisser li la l-*parking bays* ta' Triq Dun Spir Sammut u lanqas is-siġar ta' fuq il-bankina m'huma ser jitneħħew. Il-Kunsill iddiskuta u qabel di prinċipju li l-proġett isir.

24.11.3 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir animazzjoni 3D tal-proġett, sabiex il-pubbliku jkun jista' jifhem aħjar il-proġett propost. Il-Kunsill qabel u s-SE ser iġġib kwotazzjoni u tintbagħat lill-Kunsilliera għall-approvazzjoni permess ta' *email*. Din l-animazzjoni tkun tista' tiġi ppreżentata fil-laqgħa virtwali. Id-data għal-laqgħa ser tiġi stabbilita aktar 'il quddiem.

## 24.13 Buontempo Estates

24.13.1 Is-SE infurmat li issa li qed isir ir-*resurfacing* minn IM fi Buontempo Estates, kitbet lill-Ministru Dr Ian Borg biex tistaqsi jekk it-triq għadiex titqies bħala triq privata jew tibda tiġi meqjusa bħala triq pubblika. Is-SE qalet li l-Inġ. Fredrick Azzopardi (IM) wieġeb li triq pubblika.

24.13.2 Is-Sindku qal li legalment il-Gvern m'huwiex obbligat li jagħmel esproprjazzjoni formali biex it-triq tibda titqies bħala pubblika però trid issir dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern illi t-triq hija għal finijiet u effetti tal-liġi titqies bħala pubblika.

24.13.3 Il-Kunsill qabel li niktbu lill-Ministru u lill-Inġ. Azzopardi sabiex nistaqsu jekk din id-dikjarazzjoni saritx, u jekk saret jinfurmawna bid-data tal-pubblikazzjoni. Ser nistaqsu wkoll jekk hux ser tingħata isem tat-triq. Il-Kunsill ser jibqa' jqis din it-triq bħala privata sakemm issir din id-dikjarazzoni.

## 24.14 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

24.14.1 <u>Ikla tal-Milied 2020</u>
Kien hemm qbil li l-ikla ssir il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2021 filgħaxija. Il-post ser jiġi deċiż aktar 'il quddiem.

24.14.2.1 <u>Plakka tal-*Heritage Trail* – Palazzo San Antonio</u>
Is-SE infurmat li ftit ġimgħat ilu twaħħlet il-plakka tal-*Heritage Trail* mal-faċċata ta' Palazzo San Antonio. Resident qed jinfurma li fil-passat il-Palazzo kien binja pjuttost kbira u li matul is-snin kien maqsum fi djar. Fejn twaħħlet il-plakka, qed jidher bħallikieku l-Palazzo għadu hemm u huwa proprjetà biss tan-nies li bħalissa qed jgħixu hemm. Ir-resident ma jħossx li hu ġust għall-bqija tan-nies li għandhom parti minn dan il-Palazzo.

24.14.2.2 F'dan ir-rigward, ir-resident qed jitlob li l-plakka titneħħa minn fejn qiegħda u titpoġġa fuq arblu fuq il-bankina f'kantuniera ma' Triq San Rokku, b'hekk in-nies kollha li għandhom id-dar tagħhom li kienet tifforma bħala parti mill-Palazzo, ikunu rikonoxxuti wkoll.

24.14.2.3 Il-Kunsill m'approvax li l-plakka tersaq fil-kantuniera għax plakka għandha titpoġġa mal-bieb prinċipali.

24.14.2.4 Apparti minn hekk, resident ieħor qed jistaqsi jekk jistax jaħtar perit biex jirriċerka jekk il-propjetà tagħhom kienetx parti mill-Palazzo, u jekk jirriżulta li iva, jingħatax permess mill-Kunsill biex iwaħħal plakka mal-faċċata tiegħu ukoll.

24.14.2.5 Dwar dan, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li kemm ir-riċerka, kif ukoll il-plakka, jsiru għas-spejjeż tar-resident. Apparti minn hekk, il-Kunsill irid jingħata kopja tar-riċerka li tkun saret.

24.14.3 <u>Attivitajiet għall-anzjani</u>
Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li resident qed jitlob li l-Kunsill jgħin u jorganizza attivitajiet għall-anzjani f'dawn iż-żminijiet peress li ħafna anzjani qed ibagħtu mis-solitudni. Il-Kunsill irrimarka li filwaqt li jifhem din il-problema li qed jiffaċċjaw, sfortunatament minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, mhux f'pożizzjoni li jorganizza attivitajiet.

24.14.4 <u>*LC Care Project Support Scheme* 2019 - SPI/SCI/09/2019</u>
Is-SE infurmat li l-*Animal Health & Welfare Department* approvaw li l-proġett jiġi estiż bi tliet (3) xhur sal-aħħar ta' Marzu 2021. Dan peress li kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni minħabba l-COVID-19.

24.14.5 <u>Attività għal żmien il-Milied</u>
Il-Kunsill approva biex fit-23 ta' Diċembru 2020 bejn is-6.00pm u d-9.00pm, karru armat tal-Milied (bid-dawl u diski) jdur it-toroq tal-lokalità biex iferraħ lin-nies bil-mużika tal-Milied. L-ispiża ser tammonta għal €300 (VAT inkluż).

24.14.6.1 <u>Kwotazzjoni għal *roller blind*</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni li tammonta għal €135 (VAT inkluż) għax-xiri u installazzjoni ta' *roller blind* mal-ħġieġa tal-*front office*. Ser jiġi ċċekkjat dwar jekk hux aħjar li ssir mal-bieb ta' barra minflok.

24.14.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li ssir *roller blind* u qed jawtorizza lis-SE sabiex tiddeċiedi hi jekk issirx mat-tieqa jew mal-bieb.

## 24.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

24.15.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 11/20, li tinkludi l-ammont ta' €182.76c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ottubru 2020.

24.15.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 24.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.45pm.

24.16.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |